MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 59/2007

**B.A.S. Limited (C 444).**

**vs.**

**Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd (C 17421).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ B.A.S. Limited hawn debitament rapprezentata minn John Cooper u Diana Cassar, diretturi (ID No: 835250(M) u 633955(M) rispettivament), datat 17 ta’ Jannar 2007 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi s-socjeta` attrici topera negozju ta' garr ta' merkanzija lejn Malta mill-kontinent u vici-versa.

Illi fl-operat ta' dan in-negozju is-socjeta` attrici nkarigat lis-socjeta` konvenuta ggib Malta minn Hamburg, merkanzija ta' klijenta taghha Compunet Limited permezz ta' *trailer*.

Illi fil-hmistax (15) ta' Marzu 2006, din il-merkanzija tghabbiet fuq *trailer* tas-socjeta` konvenuta, u/jew ta' persuni minnha inkarigati.

Illi bejn il-hmistax (15) u s-sittax (16) ta' Marzu 2006 l-istess merkanzija giet nieqsa waqt li din kienet qed tigi ttrasportata kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza.

Illi t-telf tal-merkanzija sehhet waqt li din kienet taht il-kustodja u r-responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta.

Illi s-socjeta` attrici qieghda tinzamm responsabbli ghad-danni sofferti mill-klijenta taghha *inter alia* permezz ta' kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "**Compunet Limited vs B.A.S. Limited**" Rik. Nru: 798/06 RCP.

Illi bhala l-persuna li trid twassal il-merkanzija fl-istess kondizzjoni u kwantita` li hija tkun rcevietha, s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghat-telf tal-merkanzija in kwistjoni u ghad-danni u l-ispejjez rizultanti kollha li qed issofri s-socjeta` attrici.

Illi s-socjeta` konvenuta, nterpellata ufficjalment sabiex tersaq ghall-hlas tad-danni suriferiti baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta intimati tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija unikament responsabbli ghat-telf tal-merkanzija suriferita meta din kienet taht il-kustodja u responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta.

2. Tillikwida d-danni, inkluz l-ispejjez konsegwenzjali, sofferti mis-socjeta` attrici *occorrendo* permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tas-26 ta' Lulju 2006 kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti taghha jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2007.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici datat 17 ta' Jannar 2007 a fol 6 tal-process fejn talbet li l-kawza fl-ismijiet premessi tkompli tigi mismugha flimkien mal-kawza fl-ismijiet **"Compunet Limited vs B.A.S. Limited"** (Rik. Gur. Nru: 798/06/RCP), u d-digriet tal-Qorti datat 18 ta' Jannar 2007 fejn laqghet it-talba kif proposta u nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Ian Vella Galea sabiex jirrelata dwar l-istess, a spejjez attrici (fol. 8).

Rat ir-risposta guramentata ta' Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited ikkonfermata bil-gurament ta' Alexander Mallia (ID 215766(M)) bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` intimata, datata 26 ta' Frar 2007 a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi s-socjeta` rikorrenti ma ghandha ebda interess guridiku li tippromwovi din il-kawza peress illi saret talba ghal danni ta' oggetti li ma jappartjenux lilha u li ghalhekk danni taghhom ma gewx sofferti u li ghaldaqshekk ma jista' jintalab ebda rimedju.

2. Illi *in linea* preliminari wkoll u fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghal dak espost fuq, l-azzjoni tar-rikorrenti hija

certament intempestiva u dan billi danni ma gewx sofferti minnha kif jirrizulta mill-istess premessi tar-rikorrenti, fejn il-bazi tal-azzjoni hekk proposta hija wahda ipotetika u improbabbli billi giet ibbazata fuq esitu ta' kawza ohra *sub judice* (fi-ismijiet **Compunet Limited vs. B.A.S. Limited** Rik nru: 798/06/RCP) fejn l-istess socjeta' qed tinzamm responsabbli ghad-danni.

3. Illi fil-mertu, minghajr pregudizzju ghal dak espost fuq, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li s-socjeta` intimata ma tahti xejn ghall-allegati danni u ghalhekk ma hemm ebda danni x'jigu likwidati fil-konfront taghha.

4. Illi fil-mertu ukoll minghajr pregudizzju ghal dak espost fuq, ir-rikorrenti ghandha iggib prova tad-danni minnha sofferti.

5. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-garr mertu ta' din il-kawza huwa regolat bir-regoli tal-konvenzjoni CMR u ghalhekk huma applikabbli l-limitazzjonijiet li jippreskrivu l-istess regoli, b' mod partikolari l-**artikolu 23** tal-imsemmija konvenzjoni.

Salvi, jekk ikun u l-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit tas-socjeta` intimata a fol. 14 sa 16 tal-process.

Rat ir-rikors ta' Fahrenheit Freight Frowarders Company Limited datat 3 ta' April 2007 a fol 19 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tat-18 ta' Jannar 2007 fejn giet ordnata l-konnessjoni tal-kawzi hemm citati, u dan abbazi ta' dak hemm indikat fl-istess rikors u b'referenza ghaz-zewg eccezzjonijiet moghtija fir-risposta guramentata tas-socjeta` esponenti; rat ir-risposta tas-socjeta` rikorrenti datata 30 ta' April 2007, u l-Qorti laqghet it-talba f'dak l-istadju b'dan illi s-socjeta` rikorrenti kellha tipprezenta l-

affidavits taghha fi zmien tletin (30) gurnata minn tali digriet u tiddikjara b'nota xi provi ghad fadlilha *viva voce*, kif jidher bid-digriet moghti fit- 8 ta' Mejju 2007 (fol.22).

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici datat 3 ta' Dicembru 2007 a fol 59 tal-process fejn talbet li l-Qorti joghgobha tilqa' it-talba tas-socjeta` attrici ghall-konnessjoni tal-kawza odjerna u dik fl-ismijiet **"Compunet Limited vs B.A.S. Limited"** taht dawk il-provedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni, inkluz jekk ikun il-kaz ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet taghha tat-8 ta' Mejju 2007; rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 10 ta' Jannar 2008, u l-Qorti bid-digriet taghha tal-14 ta' Jannar 2008, laqghet it-talba u ordnat il-konnessjoni tal-kawzi, b' dan li l-provi f'din il-kawza ghandhom jitqiesu bhala provi fil-kawza citata u *vice versa.*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` B.A.S. Limited ipprezentata *seduta stante* fid-9 ta' Ottubru 2008 (fol 88).

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` Fahrenheit Freight Forwarders C. Limited ghan-nota ta' sottomissjonijiet ta' B.A.S. Limited datata 1 ta' Dicembru a fol 101 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea pprezentat fil-11 ta' Gunju 2009 u mahluf fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2009 (fol 128 *et sequitur* tal-process).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fis-seduta tat-22 ta' April 2010 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Roderick Zammit Pace ghas-socjeta` attrici. Is-socjeta` konvenuta u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2010.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Compunet Limited vs B.A.S. Limited"** (Rikors Gur. Nru. 798/06/RCP) deciza wkoll illum.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza intimament konnessa mal-kawza fl-ismijiet **"Compunet Limited vs B.A.S Limited"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Gunju 2010) deciza llum, fejn f'dik il-kawza s-socjeta' hemm konvenuta B.A.S. Limited instabet responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici f'dik il-kawza peress li l-istess socjeta' hemm konvenuta ma kinitx wasslet il-merkanzija konsistenti f'tghamir elettroniku minghand Hyundai ImageQuest Europe Gmbh ghall-valur ta' €15,388 minn Hamburg ghal ghand is-socjeta' attrici f'dik il-kawza Compunet Limited fl-imhazen taghha l-Mosta u dan ghar-ragunijiet indikati f'dik is-sentenza, li qed jigu adottati f'din id-decizjoni in kwantu huma applikabbli ghall-istess u allura f'dan il-kuntest issir riferenza ghall-konsiderazzjonijiet kollha hemm maghmula u konkluzjonijiet hemm indikati u qed jigu hawn adottati u dan in kwantu jirrigwardaw din il-kawza.

Illi jirrizulta li effettivament is-socjeta' attrici odjerna B.A.S. Limited inkarigat lis-socjeta' konvenuta odjerna Fahrenheit Freight Fowarders Co. Ltd. sabiex attwalment twassal il-merkanzija minn Hamburg sa Malta, u jirrizulta li din il-merkanzija ma twasslitx ghaliex insterqet kif jinsab kollox indikat fil-provi f'din il-kawza u fil-kawza hawn appena citata. Din hija l-kawza fejn is-socjeta' attrici odjerna, li tilfet il-kawza l-ohra, qed tfittex lis-socjeta' intimata, li giet inkarigata mis-socjeta' attrici, sabiex twassal l-imsemmija merkanzija, sabiex tigi ddikjarata responsabbli ghad-danni sofferti minnha, minhabba li hija kellha tirrispondi ghal tali nuqqas tas-socjeta' konvenuta odjerna, mas-socjeta' attrici Compunet Limited fil-kawza l-ohra, u dan ghaliex kif gja inghad kienet din is-socjeta' konvenuta odjerna li effettivament garret, u f'dan il-kaz naqset li twassal il-merkanzija hawn Malta, u allura din il-kawza hija dwar ir-

relazzjoni ghal garr tal-istess merkanzija bejn is-socjetajiet partijiet f'din il-kawza odjerna, u dan ghaliex is-socjeta' attrici odjerna inkarigat lis-socjeta' konvenuta odjerna sabiex iggorr il-merkanzija hija, inkarigu li s-socjeta' konvenuta accettat.
Illi dwar il-fatti ghaliex ma twasslitx din il-merkanzija din il-Qorti taghmel riferenza ghar-risultanzi tal-Perit Legali f'din il-kawza u l-konsiderazzjonijiet relattivi maghmula minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Compunet Limited vs B.A.S Limited"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Gunju 2010) u taddottahom bhala parti minn din id-decizjoni.

Illi tenut kont ta' dan, din il-Qorti ser tiddeciedi l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata Fahrenheit Freight Forwarders Limited fis-sens li:- (1) Illi s-soċjeta' rikorrenti ma għandha ebda interess ġuridiku li tippromwovi din il-kawża peress illi saret talba għal danni ta' oġġetti li ma jappartjenux lilha u li għalhekk danni tagħhom ma ġewx sofferti u li għaldaqshekk ma jista' jintalab ebda rimedju; (2) Illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva u dan billi danni ma ġewx sofferti minnha kif jirriżulta mill-istess premessi tar-rikorrenti, fejn il-bażi ta' l-azzjoni hekk proposta hija waħda ipotetika u improbabbli billi ġiet ibbażata fuq esitu ta kawża oħra *sub judice* (fl-ismijiet **Compunet Limited vs B.A.S. Limited** – Rik. Gur. Nru.: 798/06/RCP) fejn l-istess soċjeta' qed tinżamm responsabbli għad-danni.

Illi tali eccezzjonijiet huma bla bazi ghaliex il-fatt li l-oggetti msemmija fil-kawza odjerna ma jappartjenux lis-socjeta' attrici ma jfissirx illi s-socjeta' rikorrenti m'ghandiex interess guridiku fil-kawza jew li ma sofrietx danni bit-telf ta' l-istess merkanzija, u dan ghaliex is-socjeta' attrici odjerna giet imqabbda mis-socjeta' Compunet Limited sabiex iggib lejn Malta il-merkanzija mertu tal-kawza u ghalhekk hija responsabbli lejn is-socjeta' Compunet Limited ghat-telf tal-merkanzija, kif fil-fatt instabet li hija fis-sentenza citata moghtija llum.

Illi huwa pacifiku li s-socjeta' intimata Fahrenheit Freight Forwarders Limited giet inkarigata mis-socjeta' rikorrenti odjerna B.A.S. Limited sabiex iggorr lejn Malta u

tikkonsenja lis-socjeta’ Compunet Limited l-istess medesima merkanzija u ghalhekk minhabba din ir-relazzjoni kontrattwali diretta mas-socjeta’ rikorrenti, s-socjeta’ intimata hija responsabbli ghad-danni kollha li ssofri s-socjeta’ rikorrenti mit-telf tal-merkanzija in kwantu dan ikun rizultat tal-agir tas-socjeta’ intimata. Illi ghalhekk, f’kaz illi s-socjeta’ rikorrenti tigi ritenuta responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta’ Compunet Limited, kif filfatt giet hekk misjuba bl-imsemmija sentenza, s-socjeta’ rikorrenti ghandha d-dritt ta’ rivalsa fil-konfront tas-socjeta’ intimata ghar-rimbors tad-danni, inkluz l-ispejjez konsegwenzjali, minnha sofferti minhabba t-telf tal-merkanzija rizultat ta’ l-inadempjenza tas-socjeta’ intimata.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Compunet Limited vs B.A.S. Limited**, il-Qorti kkonkludiet illi s-socjeta’ intimata f’dik il-kawza, B.A.S. Limited (is-socjeta’ attrici f’din il-kawza), hija responsabbli versu s-socjeta’ Compunet Limited ghad-danni rizultanti mit-telf tal-merkanzija mertu tal-kawza odjerna liema danni jammontaw ghas-somma ta’ €15,388. Illi ghalhekk, ma jistghax jinghad illi l-azzjoni odjerna proposta mis-socjeta’ rikorrenti hija ipotetika jew improbabbli in kwantu bbazata fuq il-kawza citata u dan peress illi d-decizjoni f’dik il-kawza certament teffettwa l-ezitu ta’ din il-kawza, tant illi kien hemm konnessjoni taz-zewg kawzi.

*Ghaldaqstant, dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta’ intimata Fahrenheit Freight Forwarders Limited ghandhom jigu michuda.*

Illi kwantu ghat-tielet eccezzjoni tas-socjeta’ intimata Fahrenheit Freight Forwarders Limited fejn qed teccepixxi li hija ma tahti xejn għall-allegati danni u għalhekk ma hemm ebda danni x’jiġu likwidati fil-konfront tagħħa, din il-Qorti thoss li dak kollu li inghad fis-sentenza citata **Compunet Limited vs B.A.S. Limited,** u fir-relazzjoni peritali f’din il-kawza, dwar ir-responsabilita’ tal-vettura li ggorr il-merkanzija ghandu japplika fil-konfront tas-socjeta’ intimata odjerna, u dan peress li kienet effettivament is-socjeta’ konvenuta odjerna li kienet qed iggorr il-

merkanzija, u gew riskontrati nuqqasijiet serji mill-istess meta effettivament insterqet l-istess merkanzija mit-*trailer* li kienet fuqu, nuqqasijiet tali li gew konsidrati bhala dawk ta’ negligenza grossolana u b’dan li ma jistax jinghad li tali nuqqas kien imprevidibbli jew ma setax jigi evitat. Anzi jirrizulta sew il-kuntrarju u ghalhekk fil-waqt li din il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fir-relazzjoni peritali fir-rigward tat-tielet eccezzjoni (pagna 18 sa pagna 25 tar-relazzjoni – fol. 145 sa fol. 152), din il-Qorti qed tichad it-tielet eccezzjoni ghaliex hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt proprju ghar-ragunijiet hemm moghtija u saret riferenza ghalihom direttament fis-sentenza l-ohra fl-ismijiet **Compunet Limited vs B.A.S. Limited** deciza wkoll llum.

Illi dwar ir-raba’ ecccezjoni fejn qed jinghad li s-socjeta’ rikorrenti ghandha iggib il-provi tad-danni, jirrizulta li fis-sentenza l-ohra s-socjeta’ attrici odjerna giet ikkundannata thallas l-ammonnt ta’ €15,388 flimkien mal-ispejjez ta’ dik il-kawza. Kwantu ghall-hames eccezzjoni fis-sens li d-danni huma limitati b’dak li jipprovdi l-**artikolu 23 tal-Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR)** li llum hija parti mill-Ligi Maltija permezz tal-**Kap. 486,** issir riferenza ghal dak li inghad f’dan ir-rigward appuntu fl-imsemmija sentenza **“Compunet Ltd. vs B.A.S. Limited”** deciza wkoll illum u din il-Qorti taddotta l-istess ragunament u konkluzjoni ai fini ta’ din il-kawza u fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta odjerna u ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta u kwantu ghad-danni dawn jikkonsistu fl-ammont ta’ €15,388 likwidati fil-kawza fl-ismijiet **“Compunet Ltd. vs B.A.S. Limited”** (Rik.Gur. 798/06/RCP deciza llum 30 ta’ Gunju 2010, flimkien mal-ispejjez tal-kawza li s-socjeta’ B.A.S. Limited giet ikkundanata thallas f’dik il-kawza.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’

konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija unikament responsabbli ghat-telf tal-merkanzija suriferita meta din kienet taht il-kustodja u responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' hmistax-il elf tlett mija u tmienja u tmenin ewro (€15,388), ekwivalenti ghal sitt elef sitt mija u sitt Liri Maltin (Lm6,606) valur tal-merkanzija msemmija, flimkien mal-ispejjez konsegwenzjali konsistenti fl-ispejjez tal-kawza li s-socjeta' B.A.S. Limited giet ikkundannata thallas fis-sentenza fl-ismijiet **"Compunet Ltd. vs B.A.S. Limited"** (Rik.Gur. 798/06/RCP deciza llum 30 ta' Gunju 2010, u dan bhala danni sofferti mis-socjeta' attrici.

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici d-danni hekk likwidati fl-ammont ta' hmistax-il elf tlett mija u tminja u tmenin ewro (€15,388), ekwivalenti ghal sitt elef sitt mija u sitt Liri Maltin (Lm6,606) valur tal-merkanzija msemmija, flimkien mal-ispejjez konsegwenzjali konsistenti fl-ispejjez tal-kawza li s-socjeta' B.A.S. Limited giet ikkundannata thallas fis-sentenza fl-ismijiet **"Compunet Ltd. vs B.A.S. Limited"** (Rik.Gur. 798/06/RCP deciza llum 30 ta' Gunju 2010).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tas-26 ta' Lulju 2006, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------